

Brussell, 25 ta' Frar 2022
(OR. en)

6634/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0044(NLE)

RECH 100
FEROE 1

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	24 ta' Frar 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 64 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u dwar l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tal-Gżejjer Faeroe, min-naħa l-oħra, dwar il-parteciġazzjoni tal-Gżejjer Faeroe fil-programmi tal-Unjoni

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 64 final.

Mehmuż: COM(2022) 64 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.2.2022
COM(2022) 64 final

2022/0044 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u dwar l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tal-Gżejjer Faeroe, min-naħa l-oħra, dwar il-partekipazzjoni tal-Gżejjer Faeroe fil-programmi tal-Unjoni

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

L-Artikolu 16(1)(d) tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa¹ dwar l-assoċjazzjoni ta' pajjiżi terzi mal-programm jipprevedi l-possibbiltà ta' assoċjazzjoni ta' pajjiżi terzi u territorji li flimkien jissodisfaw il-kriterji kollha spjegati fih. Tali pajjiżi terzi jew territorji għandhom jipparteċipaw fil-programm Orizzont Ewropa abbażi ta' ftehim li jkopri l-parteeċipazzjoni tal-pajjiż terz jew tat-territorju għal kwalunkwe programm tal-Unjoni.

Il-Gżejjer Faeroe saru formalment assoċjati mas-Seba' Programm Kwadru (FP7) fl-2010, u firxa ta' proġetti Ewropej huma xhieda tal-involviment attiv tar-riċerkaturi u tal-istituti tal-Gżejjer Faeroe f'oqsma bħall-ambjent, l-oċeanografija, it-tibdil fil-klima, l-ekosistemi u l-ġestjoni tas-sajd. L-assoċjazzjoni tal-Gżejjer Faeroe ma' Orizzont 2020 mill-2014 tat lir-riċerkaturi, lill-istituti tar-riċerka u lill-intrapriżi fil-Gżejjer Faeroe aċċess sħiħ għall-finanzjament tal-Unjoni u għall-attivitajiet kollaborattivi għar-riċerka u l-innovazzjoni fuq l-istess livell ta' entitajiet mill-Istati Membri u minn pajjiżi terzi oħra li kienu assoċjati wkoll ma' Orizzont 2020. Din il-parteeċipazzjoni saret importanti ħafna għall-komunità tar-riċerka tal-Gżejjer Faeroe, u tistabbilixxi pilastru importanti ġdid u ta' suċċess tar-relazzjonijiet bejn il-Gżejjer Faeroe u l-UE. Bil-ftehimiet suċċessivi dwar l-assoċjazzjoni mal-Programmi Qafas tar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-Unjoni li huma limitati fiż-żmien għad-durata ta' kull programm sussegwenti tal-UE, bħalissa ma hemm l-ebda ftehim internazzjonali stabbilit li jirregola l-parteeċipazzjoni tal-entitajiet tal-Gżejjer Faeroe f'Orizzont Ewropa jew li jrawwem il-kooperazzjoni xjentifika, fir-riċerka u fl-innovazzjoni bejn il-komunitajiet tar-riċerka tal-UE u tal-Gżejjer Faeroe.

Fl-14 ta' Mejju 2020, permezz ta' Ittra ta' Intenzjoni, il-Gżejjer Faeroe esprimew l-interess formali tagħhom li jassoċjaw ma' Orizzont Ewropa. Il-Gżejjer Faeroe jissodisfaw il-kriterji għall-assoċjazzjoni ta' pajjiżi terzi jew territorji mal-Programm Qafas Orizzont Ewropa, kif stabbilit mir-Regolament dwar Orizzont Ewropa (l-Artikolu 16(1)(d)). Huma għandhom, b'mod partikolari, kapaċità tajba fix-xjenza, fit-teknoloġija u fl-innovazzjoni; huma impenjati lejn ekonomija tas-suq miftuħa u bbażata fuq ir-regoli, inkluż trattament ġust u ekwu tad-drittijiet tal-proprietà intellettuali, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, u huma appoġġati minn istituzzjonijiet demokratiċi; u jippromwovu b'mod attiv il-politiki sabiex jittejjeb il-benessri ekonomika u soċjali taċ-ċittadini tagħhom.

Fit-13 ta' Lulju 2021, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati, f'isem l-Unjoni, mal-Gżejjer Faeroe dwar Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Faeroe dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteeċipazzjoni tal-Gżejjer Faeroe fi programmi tal-Unjoni u l-assoċjazzjoni tal-Gżejjer Faeroe ma' Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2021-2027). Il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka u l-Grupp ta' Ħidma dwar l-EFTA nħatru mill-Kunsill biex jaġixxu fil-kapaċità tal-kumitati speċjali ħalli jassistu lill-Kummissjoni matul in-negozjati.

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteeċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.05.2021, p. 1.).

In-negozjati bdew fit-3 ta' Settembru 2021 u tlestew b'suċċess fit-8 ta' Ottubru 2021, meta t-test tal-abbozz ta' Ftehim ġie inizjalat minn rappreżentanti mill-Partijiet futuri kollha. Il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka u l-Grupp ta' Ħidma tal-EFTA tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew inżammu infurmati regolarment matul in-negozjati.

Il-Ftehim anness ma' din il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill huwa magħmul minn żewġ partijiet, b'mod partikolari l-“ftehim komprensiv” dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteeipazzjoni tal-Gżejjer Faeroe fil-Programmi tal-Unjoni u Protokoll dwar l-assoċjazzjoni tal-Gżejjer Faeroe ma' Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2021-2027) (“il-Protokoll ta' Orizzont Ewropa”) f'konformità mad-direttivi ta' negozjar li l-Kummissjoni kisbet mill-Kunsill.

Il-“ftehim komprensiv” jirregola b'mod komprensiv il-kundizzjonijiet ta' assoċjazzjoni tal-Gżejjer Faeroe applikabbli fil-programmi kollha tal-UE. Dan jirregola t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteeipazzjoni fil-programmi tal-UE, il-modalitajiet għall-istabbiliment tal-parteeipazzjoni fi kwalunkwe programm tal-Unjoni partikolari (jew l-assoċjazzjoni miegħu) u l-involviment tal-Gżejjer Faeroe fil-governanza tal-programmi jew l-attivitajiet tal-Unjoni, li jirriflettu l-prinċipju tal-ebda setgħa ta' teħid ta' deċiżjonijiet. Dan fih regoli dettaljati għall-istabbiliment tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Gżejjer Faeroe għall-Programmi tal-Unjoni, inkluż, fejn applikabbli, mekkaniżmu ta' korrezzjoni awtomatika. Il-“ftehim komprensiv” fih regoli komprensivi għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE, inklużi setgħat li l-Kummissjoni, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, l-OLAF u l-UPPE jeżerċitaw għal dak il-għan, kif ukoll regoli dwar l-infurzar tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-irkupru u s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fit-territorju tal-Gżejjer Faeroe. Huwa jistabbilixxi wkoll strutturi istituzzjonali, jiġifieri Kumitat Konġunt inkarigat, fost l-oħrajn, mill-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Ftehim u mill-eżami ta' kif tista' tittejjeb u tiġi żviluppata l-kooperazzjoni skont il-Ftehim.

Il-“ftehim komprensiv” huwa maħsub biex joħloq qafas ġuridiku deġġiem għall-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Gżejjer Faeroe fir-rigward tal-programmi tal-UE. Huwa mistenni li jibqa' fis-seħħ għal diversi Oqfsa Finanzjarji Pluriennali tal-UE, b'mod simili għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit jew il-ftehimiet qafas mal-pajjiżi tas-Sħubija għat-Tkabbir u l-Viċinat Ewropew dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteeipazzjoni ta' dawn il-pajjiżi fil-programmi tal-UE. Il-Protokolli eventwali dwar l-assoċjazzjoni tal-Gżejjer Faeroe ma' kull programm speċifiku tal-Unjoni jistgħu jiżdiedu ma' dan il-“ftehim komprensiv” fil-futur, jekk tali Programmi jkunu miftuħa għall-parteeipazzjoni tal-Gżejjer Faeroe skont l-atti bażiċi tal-UE li jistabbilixxu kull Programm rilevanti, jekk din tkun ix-xewqa politika taż-żewġ Partijiet, u skont il-proċeduri interni meħtieġa. It-tul ta' żmien tal-Protokolli se jkun limitat fiż-żmien għall-implimentazzjoni ta' kwalunkwe programm partikolari tal-Unjoni.

Qiegħed jiġi propost li l-Protokolli jiġu adottati permezz ta' deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt, li dan il-ftehim se jistabbilixxi. L-elementi essenzjali kollha li għandhom x'jaqsmu mal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Gżejjer Faeroe fil-programmi tal-UE huma regolati b'mod komprensiv fil-“ftehim komprensiv”. L-Artikolu 3(4) tal-Ftehim jirrestrinġi speċifikament il-kontenut tal-Protokolli futuri għal: l-identifikazzjoni tal-Programm jew tal-attività rilevanti tal-Unjoni, jew parti minnu/minnha; l-istabbiliment tat-tul ta' żmien tal-assoċjazzjoni; ir-regolamentazzjoni ta' kwistjonijiet li huma speċifiċi għall-programm u li ma humiex regolati mod ieħor fil-“ftehim komprensiv”; u – f'każijiet speċifiċi fejn il-programm tal-Unjoni jiġi implimentat permezz ta' strument finanzjarju jew garanzija baġitarja - l-istabbiliment tal-ammont tal-kontribuzzjoni tal-Gżejjer Faeroe għal tali programm tal-Unjoni.

L-ewwel Protokoll bħal dan dwar l-assoċjazzjoni ma' Orizzont Ewropa b'mod eċċezzjonali mhux se jiġi adottat mill-Kumitat Konġunt iżda ġie nneġġjat b'mod parallel mal-“fthem komprensiv” bħala l-parti integrali tiegħu, u huwa mistenni li jiġi konkluż u jidħol fis-seħħ flimkien mal-“fthem komprensiv”. Dan il-mod ta' proċediment ġie awtorizzat mill-Kunsill fid-direttivi ta' negozjar. Kien meħtieġ li tinkiseb assoċjazzjoni tal-Gżejjer Faeroe mal-Programm Orizzont Ewropa mill-bidu tal-Programm u li tiġi żgurata kooperazzjoni mingħajr interruzzjoni bejn il-komunitajiet ta' riċerka tal-UE u tal-Gżejjer Faeroe. Għal dak il-għan, issa qiegħda tiġi proposta applikazzjoni provviżorja flimkien ma' applikazzjoni retroattiva mill-1 ta' Jannar 2021 tal-Fthem kollu (jiġifieri “il-fthem komprensiv” inkluż il-Protokoll ta' Orizzont Ewropa tiegħu).

Fir-rigward tat-termini u l-kundizzjonijiet speċifiċi għall-programm li jipprevedu l-assoċjazzjoni tal-Gżejjer Faeroe mal-Orizzont Ewropa, dawn jipprevedu assoċjazzjoni mal-partijiet kollha tal-Programm, ħlief għall-programm speċifiku dwar ir-riċerka dwar id-difiża stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/697². Dan se jiżgura l-kontinwità tal-assoċjazzjoni sħiħa preċedenti ma' Orizzont 2020, u mal-predeċessur tiegħu, l-FP7. Din il-parteċipazzjoni ġiet ivvalutata bħala ta' benefiċċju għaż-żewġ partijiet, b'valur miżjud partikolari f'oqsma tematiċi bħall-ambjent, is-saħħa u l-ikel, kif ukoll ir-riċerka dwar l-oċeani.

Il-Gżejjer Faeroe kienu kontributur nett għaż-żewġ Programmi Qafas preċedenti b'marġni sinifikanti. Il-fthem il-ġdid propost jistabbilixxi kundizzjonijiet ġusti u bbilanċjati dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Gżejjer Faeroe għall-Orizzont Ewropa. Fl-Artikolu 6(6) tiegħu, il-“fthem komprensiv” jipprevedi l-possibbiltà ta' applikazzjoni ta' koeffiċjenti u fl-Artikolu 7 u fl-Artikolu 8 jirregola rispettivament l-aġġustament u l-mekkaniżmi ta' korrezzjoni fir-rigward ta' programmi fejn – kif inhu l-każ ta' Orizzont Ewropa – dawn il-mekkaniżmi huma applikabbli. Il-Protokoll ta' Orizzont Ewropa fl-Anness I tiegħu jirregola ulterjorment l-iskeda tal-pagamenti, il-livell tal-koeffiċjenti applikabbli għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Gżejjer Faeroe u d-dettalji tekniċi għall-funzjonament tal-mekkaniżmu ta' korrezzjoni.

Il-Protokoll ta' Orizzont Ewropa jibni fuq l-esperjenza ta' Orizzont 2020 u tal-FP7 u, bħal fil-fthem ta' assoċjazzjoni preċedenti, jinkludi klawżola ta' reċiproċità, li tiżgura li r-riċerkaturi u l-entitajiet legali stabbiliti fl-Unjoni jkollhom kemm jista' jkun aċċess biex jipparteċipaw fil-programmi ta' riċerka u innovazzjoni tal-Gżejjer Faeroe li huma ekwivalenti għal Orizzont Ewropa, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-leġiżlazzjoni domestika tal-Gżejjer Faeroe. L-Anness II tal-Protokoll fih lista ta' programmi tal-Gżejjer Faeroe miftuħa għall-parteċipazzjoni ta' entitajiet tar-riċerka bbażati fl-UE.

L-abbozz ta' Fthem meħmuż ma' din il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill huwa konformi mad-direttivi ta' negozjar maħruġa mill-Kunsill.

2. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

Il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill hija bbażata fuq l-Artikolu 186 u fuq l-Artikolu 218(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

² Ir-Regolament (UE) 2021/697 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1092 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 149.).

3. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Id-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva ppreżentata ma' din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-implikazzjonijiet baġitarji indikattivi.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill

- jiddeċiedi dwar l-iffirmar u dwar l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim f'isem l-Unjoni;
- jawtorizza lin-negozjatur tal-Ftehim biex jiffirma, f'isem l-Unjoni, il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Faeroe dwar il-parteċipazzjoni tal-Gżejjer Faeroe fi programmi tal-Unjoni u jissottometti n-notifika meħtieġa skont l-Artikolu 15(2) tal-Ftehim li tinforma li l-Unjoni lestiet il-proċeduri interni meħtieġa għall-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u dwar l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tal-Gżejjer Faeroe, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni tal-Gżejjer Faeroe fil-programmi tal-Unjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 186, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-programm tal-Unjoni Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2021-2027) ġie stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/695³ (minn hawn 'il quddiem “il-Programm Orizzont Ewropa”).
- (2) Skont l-Artikolu 16(1)(d) tar-Regolament (UE) 2021/695, il-Programm Orizzont Ewropa huwa miftuħ għall-assoċjazzjoni ta' pajjiżi terzi u territorji li jissodisfaw b'mod konġunt il-kriterji speċifikati fih.
- (3) Skont l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) 2021/695, l-assoċjazzjoni ta' tali pajjiżi u territorji mal-Programm Orizzont Ewropa tirrikjedi ftehim li jkopri l-parteċipazzjoni ta' tali pajjiż jew territorju fi kwalunkwe programm tal-Unjoni, dment li l-ftehim jiżgura bilanċ ġust fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet u l-benefiċċji tal-pajjiż terz li jipparteċipa fil-programmi tal-Unjoni, jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, inkluż il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji għal programmi individwali, u l-kostijiet amministrattivi tagħhom, ma jagħtix lill-pajjiż terz xi setgħa ta' teħid ta' deċiżjonijiet fir-rigward tal-programm tal-Unjoni, jiggarantixxi d-drittijiet tal-Unjoni li tiżgura ġestjoni finanzjarja tajba u li ttiproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.
- (4) Permezz tal-ittra tal-14 ta' Mejju 2020, il-Gżejjer Faeroe esprimew l-interess formali tagħhom li jsiru assoċjati mal-Programm Orizzont Ewropa.
- (5) Fit-13 ta' Lulju 2021, il-Kunsill awtorizza l-ftuħ ta' negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea għall-konklużjoni ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gżejjer Faeroe, min-naħa l-oħra, dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Gżejjer Faeroe fi programmi tal-Unjoni u l-assoċjazzjoni tal-Gżejjer Faeroe ma' Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2021-2027).

³ Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1.).

- (6) Dawk in-negozjati ġew konklużi b'suċċess u l-Ftehim ġie inizjalat fit-8 ta' Ottubru 2021.
- (7) Il-Ftehim jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet tal-assoċjazzjoni tal-Gżejjer Faeroe mal-programmi tal-Unjoni. Skont l-Artikolu 3 tal-Ftehim, l-assoċjazzjoni mal-programmi tal-Unjoni hija soġġetta għall-adozzjoni tal-Protokoll.
- (8) F'konformità mal-awtorizzazzjoni tal-Kunsill, il-Protokoll dwar l-assoċjazzjoni tal-Gżejjer Faeroe ma' Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2021-2027) - ġie nnegozjat b'mod parallel mal-Ftehim u jifforma parti integrali minnu.
- (9) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (10) Bil-ħsieb li tiġi żgurata kooperazzjoni mingħajr interruzzjoni bejn l-Unjoni u l-Gżejjer Faeroe fil-qasam tar-riċerka, tal-iżvilupp teknoloġiku u tal-innovazzjoni u li tippermetti l-parteciġazzjoni tal-Gżejjer Faeroe fil-Programm Orizzont Ewropa mill-bidu tiegħu, il-Ftehim jenħtieġ li jiġi applikat b'mod provviżorju, sakemm jitlestew il-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar f'isem l-Unjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tal-Gżejjer Faeroe, min-naħa l-oħra, dwar il-parteciġazzjoni tal-Gżejjer Faeroe fi programmi tal-Unjoni huwa b'dan awtorizzat soġġett għall-konklużjoni ta' dan il-Ftehim.

It-test tal-Ftehim huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jinnomina lill-persuna/i li jkollha/jkollhom is-setgħa li tiffirma/jiffirmaw il-Ftehim.

Artikolu 3

Sakemm jitlestew il-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu, il-Ftehim għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja f'konformità mal-Artikolu 15(2) tiegħu u soġġett għan-notifiki previsti fih.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi [id-data tal-adozzjoni tagħha].

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. ISEM IL-PROPOSTA:

Proposta għal Deċizzjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tal-Gżejjer Faeroe, min-naħa l-oħra, dwar il-parteciġazzjoni tal-Gżejjer Faeroe fil-programmi tal-Unjoni

2. LINJI BAĠITARJI:

Linja tad-dħul (Kapitolu/Artikolu/Partita): 6 0 1 0 — Orizzont Ewropa — Dħul assenjat

Ammont ibbaġitjat għas-sena kkonċernata:

(fil-każ ta' dħul assenjat biss):

Id-dħul jiġi assenjat għal-linja tan-nefqa li ġejja (Kapitolu/Artikolu/Partita):

Artikolu kollu 01.0101 (01.010101, 01.010102, 01.010103, 01.010111, 01.010112, 01.010113, 01.010171, 01.010172, 01.010173, 01.010174, 01.010176)

Kapitolu sħiħ 01.02 (01.020101, 01.020102, 01.020103, 01.020210, 01.020211, 01.020212, 01.020220, 01.020230, 01.020231, 01.020240, 01.020241, 01.020242, 01.020243, 01.020250, 01.020251, 01.020252, 01.020253, 01.020254, 01.020260, 01.020261, 01.020270, 01.020301, 01.020302, 01.020303, 01.020401, 01.020402)

Linja baġitarja 20.XX Nefqa amministrattiva tal-Kummissjoni Ewropea

3. IMPATT FINANZJARJU

- ☐ Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja
- ☐ Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq in-nefqa iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul
- ☒ Il-proposta għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul assenjat

L-effett huwa kif ġej:

(miljuni ta' EUR għal pożizzjoni deċimali waħda)

Linja tad-dħul	Impatt fuq id-dħul ⁴⁵	Perjodu ta' XX xhur li jibda jgħal/xx/ssss (jekk applikabbli)	Sena N
6 0 1 0	7,8	84 xahar li jibdew minn 01/01/2021	1,1

Sitwazzjoni wara l-azzjoni							
Linja tad-dħul	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
6 0 1 0	1,1	1,1	1,2	1,1	1,1	1,1	1,2

(Fil-każ ta' dħul assenjat biss, bil-kundizzjoni li l-linja baġitarja tkun diġà magħrufa):

Sitwazzjoni wara l-azzjoni							
Linja tan-nefqa ⁶	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
L-Artikolu 01.0101 u l-kapitolu 01.02	1,1	1,1	1,1	1,0	1,1	1,1	1,1
20.XX	0,005	0,011	0,017	0,021	0,026	0,032	0,046

4. MIŻURI KONTRA L-FRODI

L-Artikolu 325 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jirrikjedi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jgħidli l-frodi u kull attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Għalhekk, il-prevenzjoni u s-sejba tal-frodi hija obbligu ġenerali tas-Servizzi kollha tal-Kummissjoni fil-qafas tal-attivitajiet ta' kuljum tagħhom li jinvolvu l-użu tar-riżorsi. Il-frodi li tinvolvi l-fondi tal-UE għandha impatt partikolarment negattiv fuq ir-reputazzjoni tal-Kummissjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE.

⁴ L-ammonti għal kull sena jridu jkunu stima bbażata fuq il-formula jew il-metodu definit fit-Taqsima 5. Għas-sena tal-bidu, l-ammont annwali normalment jitħallas mingħajr tnaqqis jew fuq bażi *pro rata*.

⁵ F'każ ta' riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor) l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.

⁶ Tintuża biss jekk ikun hemm bżonn.

L-Istrateġija attwali tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi (COM(2019)196) ġiet adottata fid-29 ta' April 2019, biex tissostitwixxi l-Istrateġija tal-2011. Din hija dokument ta' politika li jstabbilixxi l-prijoritajiet tal-Kummissjoni fil-ġlieda kontra l-frodi fid-dawl tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027. L-oġġettivi ewlenin tas-CAFS tal-2019 huma 1) “it-titjib ulterjuri tal-fehim tad-disinji ta' frodi, tal-profilu tal-frodaturi u tal-vulnerabbiltajiet sistemiċi marbuta mal-frodi li tolqot il-baġit tal-UE” (ġbir u analiżi tad-*data*), u 2) “it-titjib tal-koordinazzjoni, tal-kooperazzjoni u tal-proċessi fil-ġlieda kontra l-frodi, partikolarment fost is-servizzi tal-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi” (koordinazzjoni, kooperazzjoni u proċessi). L-istrateġija hija akkumpanjata minn pjan ta' azzjoni ta' 63 punt, li l-implimentazzjoni sħiħa tiegħu hija, fil-prinċipju, dovuta għal tmiem l-2021.

Il-prinċipji gwida u l-istandards fil-mira tas-CAFS tal-2019 huma:

- it-tolleranza żero għall-frodi;
- il-ġlieda kontra l-frodi bħala parti integrali mill-kontroll intern;
- il-kosteffettività tal-kontrolli;
- l-integrità professjonali u l-kompetenza tal-persunal tal-UE;
- it-trasparenza dwar kif jintużaw il-fondi tal-UE;
- il-prevenzjoni tal-frodi, b'mod partikolari l-protezzjoni tal-programmi ta' nfiq kontra l-frodi;
- il-kapaċità ta' investigazzjoni effettiva u l-iskambju ta' informazzjoni f'waqt;
- il-korrezzjoni rapida (inkluż l-irkupru ta' fondi ffrodati u sanzjonijiet ġudizzjarji/amministrattivi);
- il-kooperazzjoni tajba bejn l-atturi interni u esterni, b'mod partikolari bejn l-UE u l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli, u bejn id-dipartimenti tal-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-UE kkonċernati;
- il-komunikazzjoni interna u esterna effettiva dwar il-ġlieda kontra l-frodi.

L-Artikoli 9 – 12 tal-Ftehim fihom dispożizzjonijiet dettaljati dwar miżuri kontra l-frodi. Dawn il-miżuri għandhom ikunu applikabbli orizzontalment biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE fil-Programmi jew fl-attivitajiet tal-UE koperti fil-Protokolli futuri li potenzjalment għandhom jiġu adottati mill-Kumitat Konġunt fl-ambitu tal-Ftehim biex il-Gżejjer Faeroe jiġu assoċjati ma' għadd ta' programmi jew attivitajiet tal-UE. Dawn huma applikabbli wkoll għall-assoċjazzjoni tal-Gżejjer Faeroe mal-Programm Orizzont Ewropa kopert mill-Protokoll dwar l-assoċjazzjoni tal-Gżejjer Faeroe ma' Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2021-2027) li ġie nnegożjat b'mod parallel mal-Ftehim u jiffirma parti integrali minnu.

B'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq (l-Artikoli 9 – 12 tal-Ftehim) jipprevedu d-dettalji, il-proċessi meħtieġa u jippermettu l-eżekuzzjoni bla xkiel tal-kompiti mill-korpi li jissalvagwardjaw l-interessi finanzjarji tal-UE (il-Kummissjoni, inkluż l-OLAF, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-UPPE). Fl-implimentazzjoni tal-Programmi jew tal-attivitajiet koperti mill-Protokolli tal-Ftehim, il-prinċipju jibqa' l-istess: l-interessi finanzjarji tal-UE għandhom jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inklużi miżuri relatati mal-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni tal-irregolaritajiet, inkluż il-frodi, għall-

irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod skorrett u, fejn xieraq, għall-impożizzjoni tal-penali amministrattivi.

F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-UPPE u lill-Qorti tal-Awdituri u tiżgura li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti. Kif previst b'mod espliċitu fl-Artikolu 9(4) tal-Ftehim, ir-rieżamijiet u l-awditi jistgħu jitwettqu wkoll wara s-sospensjoni tal-applikazzjoni ta' Protokoll, il-waqfien tal-applikazzjoni jew it-terminazzjoni tal-Ftehim.

Il-Ftehim jiżgura l-possibbiltà li l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) iwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post fit-territorju tal-Gżejjer Faeroe, bil-għan li jiġi stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

Il-Ftehim jobbliga lill-awtoritajiet tal-Gżejjer Faeroe jikkooperaw mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew biex dan ikun jista' jwettaq id-dmir tiegħu li jinvestiga, iħarrek u jressaq quddiem il-qorti lill-awturi u lill-kompliċi ta' reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali.

Barra minn hekk, il-Ftehim jipprevedi mekkaniżmu effettiv biex jiġi żgurat l-infurzar fit-territorju tal-Gżejjer Faeroe tad-deċiżjonijiet u s-sentenzi tal-Kummissjoni u d-digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward ta' talbiet li jirriżultaw mill-Programm.

5. RIMARKI OĦRA

Il-metodu għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Gżejjer Faeroe fil-programmi tal-UE huwa definit fl-Artikoli 6, 7 u 8 tal-Ftehim. Fir-rigward tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Gżejjer Faeroe għall-Programm Orizzont Ewropa, huma stabbiliti aktar dettalji tekniċi għall-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' aġġustament u tal-mekkaniżmu ta' korrezzjoni awtomatika fl-Artikolu 5 tal-Protokoll dwar l-assoċjazzjoni tal-Gżejjer Faeroe ma' Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2021-2027), u l-Anness I tiegħu. Il-mudell tal-kontribuzzjoni finanzjarja applikabbli fl-ambitu tal-Programm Orizzont Ewropa huwa speċifiku fost il-programmi l-oħrajn kollha tal-UE, li jipprevedi l-applikazzjoni ta' mekkaniżmu ta' korrezzjoni awtomatika (f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament dwar Orizzont Ewropa).